MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 35/2004

**Caruana & Cini Company Limited**

**vs**

**Angelo Zarb**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici diversi accessorji tal-kmamar tal-banju li ghalihom ghadu dovut bilanc ta' mija u sebghin lira Maltija u tlett centezmi (Lm170.03).

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi u minkejja diversi weghdiet ta' hlas il-konvenut baqa' ma ghamel ebda pagament.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici titlob bil-qima li l-konvenut ikun ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont imsemmi flimkien ma' l-imghax dovut mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas relattiv u l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u tal-ittra interpellatorja datata 1 ta' Awissu 2003 u tal-ittra ufficjali spedita fi Frar 2004."

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz fis-27 t'April 2004;

Ra l-kapitoli pprezentati mill-attur fis-seduta tal-lum;

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx bla ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi l-ammont pretiz m'huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM170.03c prezz ta' materjal mibjugh u kkunsinnat lill-konvenut, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 t'Awissu 2003 u tal-ittra ufficcjali ta' Frar 2004 u bl-imghax legali mid-data tal-ahhar konsenja sad-data tal-eventwali hlas effettiv kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------